# MALTA MISSJUNARJA – IR-4 PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Malta Missjunarja (1937-41): Matul l-1940 dehru aktar poeżiji: 'Il-Missjunarju lil Ommu' (Sena VIII, Jan.1940, nru1 p.9), taħt il-psewdonimu Fog, bi 11-il strofa ottonarja u rima abċb; 'Ħenn Għalihom!' (l-istess ħarġa p.17) b'sitt strofi u 'Kollox tal-Għaġeb [sa dik it-taqtira]' (Sena VIII, Mar.1940, nru3, pp.70-1) bi 11-il strofa,




it-tnejn bil-vers kwinarju doppju u rima abċb, tal-Għarawri Karm Sant (1876-1958), b'din

| Kategorija: Poeżija | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Isem | Psewdonimu | | Isem | Psewdonimu |
| 01 | Maqtab u Żbir[1] | Amba | 12 | Horas non numero nisi serenas (2) | Felicitas |
| 02 | Ifrid il-Qalb | Abeo | 13 | L-Għeġubijiet ta' Ġesù Kristu | P. Franc. Galea SJ |
| 03 | Meta Nfridt Minnek | Malta Missjunarja | 14 | Stedina | Imħeġġeġ |
| 04 | Dehra ta' Missjunarju | Ommi | 15 | Lis-Sultana tal-Missjoni | Imsieħba X.T.I.M.N. |
| 05 | Il-Glorja tal-Missjunarju | Missieri | 16 | Sejħa | Musarum |
| 06 | Ġesù Għadu Jsejjaħ | Et Ibant | 17 | Fidwa[2] | Iade |
| 07 | Rieda Sħiħa | Tama | 18 | Dmir | Jell |
| 08 | Ħajjiet Mirbuħa | | 19 | Lill-Mulej | |
| 09 | F'Ħajja ta' Mħabba | | 20 | L-Ogħna Sejħa[3] | Franġisku Saverju |
| 10 | Tliet Allat (1) | Melitensis Militens | 21 | Is-Sejħa Missjunarja | Edw. Muscat |
| 11 | Il-Missjunarju | Ħieles | | | |

[1] Poeżija bil-vers ħieles ta' Amante Buontempo (1920-2004). Il-versi tiegħu huma ta' xeħta reliġjuża, (Sena IX, Ġunju-Lulju 1941, nri 6-7, p. 109)

[2] Poeżija ta' K. Ellul Galea (1914-2007) b'disa' strofi endekasillabi u rima abċb, imqassmin fi gruppi kif ġej: 5-3-1. Il-poeżiji u xogħlijiet oħra letterarji jmissu mas-suġġett tal-ambjent u d-dinja tax-xogħol. (Sena IX, Ġunju-Lulju 1941, nri 6-7, pp. 113-4)

[3] Poeżija ta' Ġ. Pesci (1892-1960) b'disa' strofi endekasillabi u rima abċb, imqassmin fi gruppi kif ġej: 2-2-3-2. Kittieb ta' novelli u poeżija, b'uħud mitbugħin fil-Pronostku Malti. (Sena IX, Ġunju-Lulju 1941, nri 6-7, p. 112)

*Fil-kategorija tan-novelli kien hemm erba' rebbieħa (bl-isfar u numru ħdejhom ta' kif ġew) u sebgħa oħrajn li ssemmew b'tifħir (bl-oranġjo). Tliet xogħlijiet għandhom l-istess psewdonimu u allura setgħu ħarġu mill-istess pinna:*

| Kategorija: Novella | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Isem | Psewdonimu | | Isem | Psewdonimu |
| 01 | Qalb ta' Missjunarju (1) | *** | 14 | Fil-Qasam tal-Bniedem[4] | Zanthe |
| 02 | Fl-aħħar Mumenti tal-Ħajja | Luiga | 15 | Qarraq Bih | Ħieles |
| 03 | Fuq Sodda fil-Missjoni[5] | S.S.P. | 16 | Tkun Magħmula r-Rieda Tiegħek | Student |
| 04 | Afdaw f'Alla[6] | Jeanette | 17 | Issalva Ruħ u Tmut (4) | Spama |
| 05 | Poeta tal-Missjoni[7] | Vox | 18 | Il-Mewt ta' Patri Anġ | *** |
| 06 | Xewqa Mitmuma | Student | 19 | Nirien u Dmija | Father Damien |
| 07 | Żewġ Ħajjiet | | 20 | Kif Ġużeppi Sar Nisrani | George De Brincat |
| 08 | Il-Missjunarju fil-Bosk | Walter J. Ebejer | 21 | Telfa u Rebħa | Salmar |
| 09 | Is-Sejħa ta' Alla | Voccas | 22 | Il-Gandlieri taċ-Ċomb (3) | Barka |
| 10 | Atumokra (2) | Ta' Pitanu | 23 | Ġrajja ta' Toninu[8] | ? |
| 11 | Id-Dorbies Ħeleshielu[9] | Arquebus | 24 | It-Triq | Eyben |
| 12 | Fi Ħdan il-Mulej | C.A.A. | 25 | Il-Gabilotti | ? |
| 13 | Dak ix-Xalatur | Japh | 26 | Ruħ Mirbuħa[10] | Veritas |

tal-aħħar tittratta ġmiel in-natura, fejn saħansitra jsemmi n-naħal li kien magħruf sew għat-trobbija tagħhom; 'Wasal Mejju' (Sena VIII, Mej.1940, nru5, p.113), bi tmien strofi dekasillabi u rima abċb, 'Lil Marija (f'jum it-twelid tagħha)' (Sena VIII, Sett.1940, nru9, p.183), b'seba' strofi ta' sitt vrus kull waħda, u 'Ħsieb fuq il-Gwerra' (Sena VIII, Ott.1940, nru10, p.197), it-tlieta ta' Chco. V.D. Ciappara; '.. In Terra Pax ..' (Sena VIII, Diċ.1940, nru12, p.245), bil-vers ħieles ta' J.D.C. Fl-1941 ukoll, dehru xi poeżiji: 'Lil Marija' (Sena IX, Mej.1941, nru5, p.75), tal-kjeriku V.D. Ciappara u 'Ġesù Mwieled' (l-istess ħarġa, p.96), tal-patri Dumnikan Pawlu Galea (1913-2006) – kittieb prolifiku b'tema storiko-soċjali, b'seba' strofi dekasillabi u bis-soltu rima.

Il-Konkors Letterarju Missjunarju: Fil-ħarġa ta' Frar 1941 (Sena IX, nru2) deher avviż li fih id-direzzjoni ta' MM nediet it-tieni konkors letterarju tagħha fil-ktieb ta' poeżiji u novelli. Skont nota li dehret f'paġna 26 tal-istess rivista, il-konkors kellu l-għan li jkabbar l-ideal missjunarju u fl-istess ħin jiġbed kittieba oħrajn ta' dehen u mgħarrfin f'pajjiżna li għalihom il-paġni tar-rivista 'Malta Missjunarja' kienet dejjem lesta li tilqa' xi kitba minn tagħhom. Id-direzzjoni xtaqet li għalih jidħlu ħafna kittieba tajbin, mhux biss ▶

4 Ma ġietx ippubblikata fil-MM.
5 Idem.
6 Idem.
7 Idem.
8 Idem.
9 Idem.
10 Idem.

# RIŻULTAT TAL-KONKORS LETTERARJU MISSJUNARJU 1941.

## POEŻIJI

L-Ewwel: TLIET ALLAT taħt l-isem ta' *Melitensis Militans* ta' Karmenu Vassallo.

It-Tieni: HORAS NON NUMERO NISI SERENAS taħt l-isem ta' *feliċitas* ta' Amante Buontempo.

It-tielet u r-rabgħa prempju ma ġewx meħudin.

Issemmew b'tifħir :- MAQTAB U ŻBIR taħt l-isem ta' *Amba* ta' Amante Buontempo.
L-OGĦNA SEJĦA taħt l-isem ta' *Franġisku Saverju* ta' Ġużè Pesci.
FIDWA taħt l-isem ta' *Jada* ta' Karmenu Ellul Galea.

## NOVELLI

L-Ewwel: QALB TA' MISSJUNARJU bis-sinjali *xxx* ta' Ġ Galea.

It-Tieni: ATUMOKRA taħt l-isem ta' *Ta' Pitanu* ta' Ġużi Mallia.

It-Tielet: IL-GANDLIERI TAĊ-ĊOMB taħt l-isem ta' *Barka* ta' Albert M. Cassola.

Ir-Rabgħa: ISSALVA RUĦ U TMUT taħt l-isem ta' *Spama* ta' Pawlu Attard.

Issemmew b'tifħir :-

AFDAW F'ALLA taħt l-isem ta' *Jeanette* ta' Jane Spiteri.
POETA TAL-MISSJONI taħt l-isem ta' *Vox* ta' Marju Agius.
ID-DORBIS ĦELISHIELU taħt l-isem ta' *Arquebus* ta' George Zammit.
FUQ SODDA FIL-MISSJONI taħt l-isem ta' *S.S.P.* ta' Karmenu Fenech.
ĠRAJJA TA' TONINU taħt l-isem ta' *?* ta' Pawlu Grasso.
RUĦ MIRBUĦA taħt l-isem ta' *Veritas* ta' Katarina Spiteri Bugeja.
FIL-QASAM TAL-BNEDMIN taħt l-isem ta' *Qanthe* ta' Ġorġ Chetcuti.

Imħabba ċ-ċirkostanzi tal-gwerra għadna ma lestejniex d-diplomi li wegħdna, iżda kif ikunu lesti ngħarrfu bihom lill kull minn' jistħoqqlu wieħed biex jiġi għal tiegħu.

Il-kitba ta' dawk li ssemmew b'tifħir u li ma ġietx mitbugħa f'dan l-għadd imħabba ċ-ċokon tal-ktejjeb tidher fid-drabi oħra aktar il-quddiem.

117

għal ġieħ l-ilsien Malti, imma wkoll tal-Knisja Maltija; konkors simili, reliġjuż u missjunarju, kien jitnieda minnha biss. Kemm-il darba jirnexxi, id-direzzjoni kellha ħsieb li tniedi ieħor fuq d-dramm jew rumanz missjunarju. Dwar tqassim ta' premji, hija wiegħdet li kollox kellu jsir b'ġustizzja, u li x-xogħlijiet kellhom jiġu mwieżna u mgħarblin mill-aħjar poeti u skritturi tal-ilsien Malti ta' dak iż-żmien.

Għal dan il-konkors daħlu 21 poeżija u 26 novella. Fl-ewwel tabella jidhru l-ismijiet tagħhom bl-isem tal-awtur mibdul. Id-direzzjoni ta' MM kienet wiegħdet lill-qarrejja li l-għadd ta' Ġunju kellu jkun wieħed speċjali li fih se jingiebu x-xogħlijiet rebbieħa. Fih dehret ukoll il-kritika li taw l-eżaminaturi dwar il-konkors għas-sodisfazzjon ta' kulħadd. Iż-żewġ xogħlijiet rebbieħa huma mmarkati bl-isfar, b'numru warajhom ta' kif ġew; it-tielet u r-raba' premjijiet ma ngħatawx. Tliet xogħlijiet oħrajn (immarkati bl-oranġjo) issemmew b'tifħir. Żewġ kittieba partikolari bil-psewdonimi Tama u Jell, bejniethom daħħlu tliet u żewġ xogħlijiet kull wieħed rispettivament. Fil-każ ta' poeżija nru15, għandha mnejn inkitbet minn xi ġuvnott fi ħdan ix-Xirka tal-Malti għat-Tfal (Fergħa Naxxar): ■